# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-12 ta' Lulju 2002**

**Kawza numru 11**
**Citazzjoni numru 489/2002 GC**

**First International Merchant Bank p.l.c.**

**vs**

**Discmaster (Malta) Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:

Illi l-Bank attur ikkonceda lis-socjeta konvenuta encroachment facilites u, in forza ta' dina il-facilita' bankarja, is-socjeta konvenuta gibdet u utilizzat a favur taghha jew tal-klijenti taghha (i) is-somma ekwivlenti fi flus maltin ghal-EUROS erbgha u erbghin, tlett mija wiehed u erbghin punt hamsa u sittin (Euros44,341.65) prezentament ekwivalenti ghall-Lm17,880 u (ii) is-somma ekwivalenti fi flus maltin ghall-dollari amerikani tlett elef, mija tnejn u dighin u sebgha u sebghin (US$ 3,192.77) prezentament ekwivalenti ghall-Lm1,420 kif jirrizulta mill-prospetti hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti Fl u F2;

Illi is-socjeta konvenuta naqset milli thallas dan id-debitu lura lis-socjeta attrici kif kienet obbligata li taghmel;

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellata mis-socjeta attrici b'ittri bonarji (vide d-dokument F3), sabiex thallas l-ammont dovut, is-socjeta konvenuta xorta baqghet inadempjenti, minkejja li ufficcjal tas-socjeta attrici ammetta verrbalment li dan l-ammont huwa dovut lis-socjeta attrici;

Illi fil-fehma tas-socjeta attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet xi iggib ghat-talba ta' hlas tas-socjeta attrici;

Illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta attrici tipprocedi kontra s-socjeta konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu l67 et sequitur tal-Kapitolu l2 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qeghdha taghmel;

Ghalhekk il-bank attur talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:-

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta; u

Tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somom ekwivalenti fid-data tas-sentenza fi flus maltin ghall-EUROS erbgha u erbghin, tlett mija wiehed u erbghin punt hamsa u sittin (44,341.65) u ghal-dollari amerikani tlett elef, mija tnejn u disghin punt sebgha u sebghin (US$ 3,192.77);

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tghamel difiza;

Semghet lir-rappresentant tal-bank attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2002;

Peress li s-socjeta konvenuta hi kontumaci u peress li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u in vista tal-provedimenti tal-artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12;

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, bl-imghaxxijiet kif mitluba u bl-ispejeez kontra s-socjeta konvenuta.